PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9434 — UTC/Raytheon)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 32/09)

1. Fl-24 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— United Technologies Corporation ("UTC", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Raytheon Company ("Raytheon", l-Istati Uniti tal-Amerka).

UTC takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Raytheon kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew kwalunkwe mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— UTC: provvista ta' prodotti u servizzi ta' teknoloġija għolja għas-sistemi tal-bini u l-industriji ajruspazjali. UTC bħalissa tikkonsisti fl-unitajiet tan-negozju prinċipali li ġejjin: Otis Elevator Company; Carrier; Pratt & Whitney; u Collins Aerospace Systems (il-kombinazzjoni ta' United Technologies Aerospace Systems u Rockwell Collins li dan l-aħħar ingħatat isem ġdid),

— Raytheon: kuntrattur tad-difiża. Raytheon tissupplixxi armi gwidati, sensuri, elettronika, u servizzi professjonali għal klijenti militari u kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9434 — UTC/Raytheon

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussell
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").